

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 505/2010

tal-14 ta' Ġunju 2010

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

msejsa fuq il-preżenza ta' ċerti mikro-organiżmi relatati mal-kontaminazzjoni fekali.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi ħajjin u, b'analoġija, ta' ekino-dermi ħajjin, ta' tunikati ħajjin u ta' gastropodi tal-baħar ħajjin jgħaddu minn kontrolli uffiċjali kif deskritt fl-Anness II. Il-Kapitolu II tal-Anness jistipula dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-klassifika taż-żoni ta' produzzjoni u l-monitoraġġ ta' żoni bħal dawn.

(3) Iż-żoni ta' produzzjoni huma kklassifikati skont il-livell ta' kontaminazzjoni fekali. Annimali filtraturi, bħall-molluski bivalvi, jistgħu jakkumulaw mikro-organiżmi li jirrappreżentaw riskju għas-saħħa pubblika. Din hija r-raġuni għalfejn il-klassifika taż-żoni ta' produzzjoni hija

(4) Il-gastropodi tal-baħar ġeneralment mhumieq annimali filtraturi, għalhekk ir-riskju tal-akkumulazzjoni ta' mikro-organiżmi relatat mal-kontaminazzjoni fekali għandu jitqies bħala wieħed remot. Barra minn hekk, ma ġie rappurtat l-ebda tagħrif epidemjoloġiku biex tinħoloq rabta bejn id-dispożizzjonijiet għall-klassifika taż-żoni ta' produzzjoni u r-riskji għas-saħħa pubblika assoċjati ma' gastropodi tal-baħar li mhumieq filtraturi.

(5) Meta jitqies dan il-progress xjentifiku, gastropodi tal-baħar bħal dawn, li mhumieq filtraturi, għandhom ikunu esklużi mid-dispożizzjonijiet tal-klassifika taż-żoni ta' produzzjoni.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huwa emendat kif ġej:

"KAPITOLU III: KONTROLLI UFFIĊJALI LI JIKKONĊERNAW IL-PECTINIDAE U L-GASTROPODI ĦAJJIN TAL-BAĦAR LI MHUMIEX FILTRATORI MAĦSUDA BARRA Ż-ŻONI TA' PRODUZZJONI KKLASSIFIKATI

Għandhom jitwettqu kontrolli uffiċjali fuq il-pectinidae u fuq il-gastropodi ħajjin tal-baħar, li mhumiex filtraturi, li huma maħsuda barra ż-żoni ta' produzzjoni kklassifikati fl-irkantijiet tal-ħut, fiċ-ċentri ta' dispaċċ u fl-istabbilimenti ta' pproċessar.

Kontrolli uffiċjali bħal dawn għandhom jivverifikaw il-konformità mal-istandards tas-saħħa għall-molluski bivalvi ħajjin stipulati fl-Anness III, it-Taqsima VII, il-Kapitolu V, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 kif ukoll il-konformità ma' rekwiżiti oħra tal-Anness III, it-Taqsima VII, il-Kapitolu IX ta' dan ir-Regolament."
